**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**L-Erbgħa 27 ta' April 2011**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

**Parti A**

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. (a) Ċedola ta' tpaċija u rikors għall-approvazzjoni tat-tpaċija wara li l-offerta tal-klijent tiegħek, li għamel offerta *animo compensandi*, kienet l-ogħla offerta f'bejgħ *sub hasta* ta' proprjetà immobbli; u (b) rikors għall-ftuħ ta' konkors ta' kredituri.

2. Rikors ta' appell għar-riforma ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi, għalkemm ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-parti l-oħra, laqgħet eċċezzjoni oħra fil-meritu u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-klijent tiegħek li qiegħed jitlob rimedju wara li kien korra meta ntlaqat minn karrozza misjuqa mill-parti l-oħra.

3. Rikors biex jitħassar mandat kawtelatorju ta' sekwestru maħruġ kontra l-klijent tiegħek jew, alternativament, biex tingħata garanzija għall-ħlas ta' penali, danni u mgħax.

4. L-atti meħtieġa biex tiftaħ azzjoni pawljana.

5. L-att mehtieġ biex issir talba għal rimedju taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek igħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' jedd imħares taħt il-Konvenzjoni.

6. Rikors tal-appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klient tiegħek mhux ħati ta' serq aggravat bil-mezz u ta' ħsara volontarja u kkundannatu għall-piena ta' sitt xhur priġunerija mentri l-klient tiegħek jippretendi li kellu jiġi liberat minn kull ħtija u piena.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija wahda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. Sa fejn jista', jekk jista', avukat jagħti pubbliċità lill-operat professjonali tieghu?

3. L-art. 30 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bħala uffiċjali tal-qorti". Xi jġib miegħu għall-etika professjonali u għad-dmirijiet u d-drittijiet ta' avukat li huwa jkun "uffiċjal tal-qorti"?.